MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 542/2007

**Carmelo Caruana Company Limited C – 9616**

**vs**

**Omni Stat Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm 347.84), illum ekwivalenti ghal tmien mija u ghaxar Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€810.25), rapprezentanti hlas ghal servizzi li s-socjeta' attrici lahqet irrendiet lis-socjeta' konvenuta qabel ma' dina rrevokat l-inkarigu taghha.

Illi peress li l-inkarigu gie rrevokat tard mis-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici lahqet inkorriet spejjes sabiex

bdiet twettaq dan l-inkarigu liema spejjes qed jissejhu *pre-carriage costs.*

Illi s-socjeta’ konvenuta interpellata diversi drabi baqghet inadempjenti.
Bl-ispejjes, inkluz tal-ittra ufficjali nnumerata 745/07 u l-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li ecceppiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici stante illi:-

1. In linea preliminari t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2147 (d) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kienet is-socjeta’ attrici li naqset milli tonora l-obbligu kuntrattwali taghha billi ma wasslitx il-merkanzija fiz-zmien miftiehem bejn il-partijiet. Kien ghalhekk li s-socjeta’ konvenuta giet kostretta li tittermina l-inkarigu tas-socjeta’ attrici;

3. Illi m’huwiex minnu li s-socjeta’ attrici lahqet irrendiet servizzi lis-socjeta’ konvenuta qabel ma’ din giet kostretta li tirrevoka l-inkarigu taghha permezz ta’ *e-mail* mibghuta mis-*sales manager* tas-socjeta’ konvenuta datata 20 ta’ Mejju, 2005;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici trid tressaq il-prova dwar l-ispejjez allegatament inkorsi minnha, liema spejjez huma esagerati;

5. Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ Mark Schembri in rapprezantanza tas-socjeta’ konvenuta, fejn jahdem bhala *sales* u *marketing manager*. Huwa jghid li s-socjeta’ konvenuta kellha bzonn iggib xi ghamara minn barra u kienet ikkomunikat mas-

socjeta’ attrici sabiex din tingieb hawn Malta bil-bahar. Kienu marbutin bid-data tal-konsenja, kif ukoll bil-konsegwenti penali, u kien ghalhekk illi meta s-socjeta’ attrici nfurmathom li ma setghetx twassal il-merkanzija fi zmien stipulat, kellhom ifittxu *shippers* alternattivi sabiex iwasslu l-merkanzija fiz-zmien stipulat.

Kienu l-Express Trailers, li kienu wieghdu lis-socjeta’ konvenuta li setghu jwasslu l-merkanzija fiz-zmien mitlub. Konsegwentement, kien baghat *e-mail* lis-socjeta’ attrici fejn infurmaha li s-socjeta’ konvenuta kienet qed tittermina s-servizzi taghha. Il-ftehim mas-socjeta’ attrici sar fit-18 ta’ Mejju, 2005 u kien fl-20 ta’ Mejju, 2005 li kien baghat l-*e-mail*, li ghaliha s-socjeta’ attrici naqset li tirrispondi.

Jispjega li s-socjeta’ attrici kienet infurmathom li ma setghetx twassal il-merkanzija fiz-zmien rikjest, fl-20 ta’ Mejju, 2005, u kien sussegwentement li s-socjeta’ konvenuta kienet irceviet *invoice* ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), u dan ghal garr ta’ merkanzija. Wara jghid li qatt ma rcevew xi ittra legali.

Jikkonferma li f’Settembru, 2006, is-socjeta’ konvenuta kienet ghadha qed topera mill-indirizz Island Buildings, Mdina Road, Attard.

In kontro-ezami, ix-xhud jispjega li huma kienu darb’ohra ghamlu ordni mas-socjeta’ attrici ghal konsenja ta’ *photocopy paper*, u kellhom ihallsu depositu ta’ hamsin lira Maltin (Lm50), u cioe’ ekwivalenti ghal mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), ghal habta tat-23 ta’ Marzu, 2006 u dan bhala depozitu ghal *demurrage fees*. Generalment dawn huma rifondibbli, izda s-socjeta’ attrici qatt ma kienet tathom xejn lura.

Jispjega ukoll li s-socjeta’ attrici kienet qed titlob il-hlas pretiz f’din il-kawza qabel ma tikkonsenja l-*photocopy paper*, izda tramite l-intervent tal-avukati kienu gew kkonsenjati.

Ix-xhud jinsisti li kien hemm differenza mill-ordni, mertu ta' dina l-kawza, li kienet tirrigwarda garr ta' ghamara u mhux ghal *photocoy paper*, li kienet kwistjoni ohra.

Ra x-xhieda ta' Tonio Micallef, li jokkupa l-kariga ta' *accountant* mas-socjeta' attrici. Jikkonferma li kien hemm ordni ghal garr ta' merkanzija mis-socjeta' konvenuta u kienu ghalhekk ghamlu l-arrangjamenti wkoll ghal trakk sabiex din il-merkanzija titghabba fil-*weekend*. Meta s-socjeta' konvenuta kienet itterminat din l-ordni ma kienux jafu, ghaliex kien fil-*weekend,* u s-socjeta' attrici ma kienitx tahdem fil-*weekend*. Saru jafu peress li, meta t-trakk mar sabiex ighabbi l-merkanzija, s-*supplier* infurmah li ma kienu ser jahdmu maghhom.

Jikkonferma li l-ammont li qed jintalab huwa ta' tlett mija u tmintax-il lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm318.86), u cioe' ekwivalenti ghal seba' mija u tnejn u erbghin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€742.74), inkluz il-Vat, jammonta ghal total ta' tlett mija u sitta u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm376.25), u cioe' llum ekwivalenti ghal tmien mija u sitta u sebghin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€876.43).

Izid ighid ukoll li peress li aktar tard saru aktar ordnijiet minghand is-socjeta' konvenuta, generalment ikun hemm depositu ta' hamsin lira Maltin (Lm50), u cioe' ekwivalenti ghal mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan sakemm jinzamm il-*container,* u dan id-depozitu jittiehed minhabba *demurrages*. F'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta kellha wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm21), u cioe' ekwivalenti ghal tmienja u erbghin Euro u tnejn u disghin centezmi (€48.92), *demurrages,* li tnaqqsu mill-ammont ta' hamsin lira (Lm50), u cioe' ekwivalenti ghal mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan tpogga *on account* mal-ammont li huwa allegatament dovut mis-socjeta' konvenuta.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi f'din il-kawza, is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' servizzi moghtija minnha lis-socjeta' konvenuta.

Illi dak li ser jigi deciz b'din is-sentenza preliminari hija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Is-socjeta' konvenuta ressqet l-eccezzjoni li l-azzjoni hija wahda preskritta ai termini tal-Artikolu 2147 (d) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-Artikolu jippreskrivi zmien ta' sena ghal azzjonijiet tal-vettura ghall-hlas tal-kirijiet jew pagi tieghu. Fil-kaz in ezami, il-hlas qed jintalab ghal garr ta' merkanzija minn barra minn Malta ghal Malta. Ghandu jitqies ukoll illi dan l-Artikolu 2147 (d) huwa marbut ukoll mal-Artikoli 1628 sa' 1631 tal-istess Kodici Civili, u minn analizi tal-istess disposizzjoni jirrizulta li l-ligi tirreferi biss ghall-garr bil-bahar b'opra jew dghajsa fil-limiti ta' Malta, jigifieri jew garr minn gzira ghal ohra jew garr minn naha ghal ohra tal-istess gzira.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza **Ronald Naudi nomine vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited (PA Citaz Nru. 2264/01 26 ta' Gunju, 2003)** fejn l-eccezzjoni preliminari kienet tirrigwarda l-istess eccezzjoni ta' preskrizzjoni taht l-istess disposizzjoni tal-ligi.

F'din is-sentenza, l-Onorabbli Qorti enuncjat illi:-

***"Illi l-Qorti tifhem li r-regoli tal-preskrizzjoni, sewwasew minhabba n-natura taghhom u l-effett li jgibu maghhom fuq l-azzjoni attrici, ghandhom jinghataw tifsira ristretta u ma jitwessghux b'analogija jew implikazzjoni.........Minn naha l-ohra, minn dak li johrog mill-atti tal-kawza u mill-provi li tressqu s'issa, l-ebda wahda mill-azzjonijiet li ghalihom jirreferi l-Artikolu 2147 (d) ma taqa' taht il-parametri tal-hlas mitlub mill-attur nomine, li l-pretensjonijiet tieghu jissejsu fuq pretensjoni ta' servizzi (ta' garr) moghtija u mhux hlas ta' kera ("hire") jew paga ("wages"). Minbarra dan, huwa evidenti ukoll li l-kumpanija attrici***

***ma tista' bl-ebda mod titqies bhala vettura kif imfisser fl-imsemmija artikoli tal-Kodici Civili."***

Ghalhekk, fil-kaz in ezami, huwa evidenti li l-pretensjoni hija ghal hlas ta' garr ta' merkanzija. Ma rrizultax li kien hemm xi talba ghall-"kiri" jew "pagi." Inoltre, fuq l-istess konkluzjoni li waslet ghaliha l-Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza, is-socjeta' attrici per se mhix vettura, izda agenzija li tiehu hsieb il-garr ta' merkanzija (*carriers*).

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal isib li ghall-pretensjoni mressqa mis-socjeta' attrici, ma tapplikax il-preskrizzjoni partikolari mqanqla mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta u tordna li l-kawza tibqa' aggornata ghal sabiex jitkomplew il-gbir tal-provi fuq il-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------